# PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 16 TA’ MEJJU, 2022**

**Rikors nru. 923/2020 RGM**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Vs**

**Sayed Amir Karim**
**(K.I. nru. 0162548A)**

**Il-Qorti:**

Din hija deċiżżjoni finali dwar rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi mressaq bis-saħħa tal-**Artikolu 9 tal-Ordni dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta’ Talbiet li Għandhom x’jaqsmu ma’ Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra (Leġislazzjoni Sussidjarja nru 460.08)** li permezz tiegħu qed jintalab li l-Qorti (1) tinnotifika lill-intimat bir-rikors u d-dokumenti annessi miegħu, u (2) tordna r-reġistrazzjoni tal-Istrument Uniformi Li Jippermetti Infurzar maħruġ mill-awtorita’ Tedeska aness mar-rikors sabiex tali dokument jiġi dikjarat bħala titolu eżekuttiv.

Ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi preżentat fil-15 ta’ Ottubru 2020 jaqra kif ġej:

Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010 /24/UE dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' Talbiet li ghandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri ohra tas-16 ta' Marzu 2010 tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta'Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru iehor, u mizuri ohra;

Illi din id-Direttiva giet implimentata fil-Ligi ta' Malta permezz tal-Ordni ravvizat fl-Avviz Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviz Legali dahal fis-sehh fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u li jippermetti lil Ministru responsabbli ghall-Finanzi, bhala l-awtorita' kompetenti, sabiex jigbor taxxa dovuta fi Stati Membri ohra fejn id-debitur jinsab gewwa Malta;

Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorita' kompetenti Tedeska ossija l-awtorita' applikanti, ghamlet talba ghall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxi, f'isem il-Ministru responsabbli ghall-Finanzi u ghas-servizzi Finanzjarji, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita' applikanti;

Illi l-intimat ghandu taxxa dovuta lill-awtorita' applikanti Tedeska fl-ammont ta' erba u ghoxrin elf, tmien mija u sitta u sittin ewro u hdax-il centezmu (€24,866.11) kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn anness u immarkat bhala Dok.'A', oltre interessi skont il-ligi.

Illi l-intimat huwa indikat li jinsab gewwa Malta u ghalhekk l-esponent qed jipprocedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 9 talimsemmi Avviz Legali;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta'din it-talba ta' irkupru gew imharsa rrekwiziti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;

Illi, madanakollu, l-intimat ghandu dritt ghal traduzzjoni tal-istess Dok.'A' f'wahda mill-lingwi ufficcjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qieghed jigi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bhala Dok.'B' sabiex l-intimat ikun specifikament infurmat illi tali rikjesta ghandha ssir fi zmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika ta' Dok.'A'.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviz Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'A' u Dok. 'B' jigu notifikati lill-intimat skont id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-registrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok.'A', bhala kopja ufficcjali tieghu, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu ezekuttiv.

B'digriet tat-22 ta' Ottubru 2020 l-Qorti ordnat in-notifika lill-intimat tar-rikors, tad-dokumenti annessi mieghu u tad-digriet sew bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Ingliza.

Peress li l-intimat ma ġiex notifikat nonostatne diversi tentativi u ma sarx aktar progress f'dawn il-proċeduri, l-Qorti, b'digriet tat-23 ta' Marzu 2021, appuntat ir-rikors għas-smiegħ għad-19 ta' Mejju 2021.

Nonostante diversi tentativi da parti tar-rikorrent, l-intimat baqa' ma ġiex notifikat u b'digriet tad-19 ta' Mejju 2021 l-Qorti awtorizzat in-notifika lill-intimat bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni.

L-affissjonijiet saru fl-1 ta' Gunju 2021.

Fit-2 ta' Awissu 2021 il-Kummissarju tat-Taxxi ippreżenta nota anness magħha kopja tal-pubblikazzjonijiet li saru fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll f'gazzetti lokali.

Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2021 r-rikors tħalla għal digriet finali kamerali.

B'digriet tal-5 ta' Novembru 2021 l-Qorti talbet lir-rikorrent sabiex jipprezenta kopja tal-ordni bil-mitkub li bis-sahha tieghu ir-rikorrent gie mahtur mill-Ministru tal-Finanzi bhala l-awtorita' kompetenti ghall-finijiet tal-Liġi Sussidjarja nru 460.08

In-nota ġiet ippreżentata mill-Kummissarju tat-Taxxi fid-9 ta' Novembru 2021 anness magħha kopja tal-hatra tar-rikorrent mill-Ministru tal-Finanazi bhala l-awtorita' kompetenti ghall-finijiet tal-liġi sussidjarja 460.08, liema nota pero' baqgħet ma ġietx inserita fil-proċess b'dan li l-Qorti kellha toħroġ digriet lir-Registratur fid-9 ta' Mejju 2022 b'ordni sabiex jirrintraccja dik in-nota u fin-nuqqas javza lill-Qorti sabiex tiġi rikostruwita.

Rat illi issa n-nota ġiet rintraċċjata mir-Registratur u inserita fil-process.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet finali.

Ikkonsidrat;

**Fatti.**

Fl-14 ta' Mejju 2020 l-awtoritajiet ġewwa l-Ġermanja bgħatu lill-awtoritajiet Maltin talba sabiex dawn ta' l-aħħar jgħinu lil ta' l-ewwel jiġbru taxxa dovuta ġewwa l-Ġermanja mill-intimat, liema talba saret fit-termini tad-**Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra**

Skond l-**Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar** mibgħut mill-awtorita' applikanti fil-Germanja, l-intimat jirrisjedi f'Malta fl-indirizz provdut.

Din it-talba għall-assistenza ġiet ipproċessata u fil-15 ta' Ottubru 2020 l-Kummisarju tat-Taxxi ppreżenta r-rikors mertu ta' din id-deċiżżjoni.

Dan ir-rikors ġie intavolat bis-saħħa tal-**Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08** li implimentat fil-liġijiet Maltin id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra, intiża sabiex tiffaċilita' il-ġbir tat-taxxi dovuti lill-Istati Membri individwalment minn persuni li jkunu jirrisjedu fi Stat Membru Ewropew ieħor.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Skond **Artikolu 9 tal-Liġi Sussidjarja 460.08:**

> (5) L-awtorità rikjesta, meta tirċievi l-istrument li jippermetti l-infurzar, tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha, kif ikun il-każ, permezz ta' rikors, biex tordna r-reġistrazzjoni tal-imsemmi dokument, u biex tiddikjara li r-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva jkunu ġew imħarsa. It-talba għandha tiġi speċifikata fil-munita Maltija.
>
> (6) Il-Qorti għandha tordna li kopja tal-imsemmi rikors u tad-dokument għandhom jiġu notifikati lid-debitur u lil kull parti oħra indikata fir-rikors.
>
> (7) Il-Qorti għandha tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument inkwistjoni, u d-dokument għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

(8) Ir-Reġistratur tal-Qrati għandu jżomm record u kopja tar-rikorsi kollha li għalihom japplika dan l-artikolu. Huwa għandu minnufih jinforma lill-awtorità rikjesta kull meta issir notifika ta'dak ir-rikors u kull meta tiġi identifikata jew tinqala' diffikultà b'konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' xi notifika bħal din.

Kif rajna mill-bran meħud mill-artikolu tal-liġi sussidjarja applikabbli, mhux mitlub li l-Qorti tagħmel xi indaġini dwar il-fondatezza tat-talba mill-awtorita' rikjedenti. Il-liġi titfa' l-oneru tal-indaġini dwar il-fondatezza tat-talba mill-awtorita' rikjedenti fuq il-Kummissarju tat-Taxxi bħala l-awtorita' kompetenti kif delegata mill-Ministru għall-Finanzi. Kull ma hu meħtieġ għalhekk da parti tal-Qorti huwa li ssir il-verifika li l-iStrument Uniformi anness mar-rikors jissodisfa r-rekwiżiti formali u li l-intimat ġie notifikat skond il-liġi.

B'referenza għall-**Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/24 u għall-Artikolu 12 tal-L.S. 460.08** ma jirriżultax illi l-istrument uniformi li l-awtorita' applikanti qed titlob li jkun enforzabbli bħala titolu eżekuttiv fil-Gzejjer Maltin ġie kontestat ġewwa l-Ġermanja.[1]

Mill-banda l-oħra jirriżulta illi l-istrument uniformi anness mar-rikors jissodisfa r-rekwiżkiti formali sew ta' forma sew ta' kontenut. Jirriżulta wkoll illi wara ħafna tentativi bla suċċess, finalment l-intimat ġie notifikat bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni.

**Decide.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi r-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi tal-15 ta' Ottubru 2020 billi wara li rat illi r-rikors u d-dokumenti annessi ġew debitament notifikati lill-intimat,**

[1] Artikolu 12 tal-LS. 460 bħal l-Artikolu 14 (1) tad-Direttiva 2010/14 jipprovdu illi tali kontestazzjoni trid issir fl-Istat Membru tal-awtorita' applikanti u mhux fl-Istat Membru tal-awtorita' rikjesta.

**1. Tilqa' t-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxi;**

**2. Tordna r-reġistrazzjoni tal-Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar mibgħut mill-awtoritajiet Tedeski u dan ai termini tal-Artikolu 9 (6) u (7) tal-Liġi Sussidjarja 460.08;**

**3. Tiddikjara li tali dokument għandu jitqies bħala titolu eżekuttiv ġewwa Malta.**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimat.**

**Mogħti kameralment illum 16 ta' Mejju 2022.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**